

# Dawra ma' Birkirkara

*Kitba ta' Ġużi Mallia*

Meta qegħdin ngħixu fil-bidu tat-tielet millenju, għadek issib xi nies, fosthom Karkariżi, li jgħidulek li Birkirkara m' għandha xejn x' toffri lill-barranin, anke lil dawk li mhumiex Karkariżi, u għalhekk jgħidulek li n-numru ta' viżitaturi f' Birkirkara mhux xi wieħed kif mixtieq.

Dawn it-talin jgħidu hekk għax żgur ma jafux x' tista' tgħid dwar Birkirkara, f' dik li hi arti, u wisq iżjed storja, li bihom Birkirkara għandha tassew biex tiftaħar. Inkiteb ferm dwar dik li hi storja ta' Birkirkara u mhux l-iskop tiegħi li nitratta dan is-suġġett fil-fond, u hija x-xewqa tiegħi li wara li inti taqra dan kollu dwar Birkirkara, tfittex iżjed fil-fond u titgħallem wisq iżjed fuqha, ħalli tkun tagħraf iżjed il-ġmiel moħbi tagħha.

Birkirkara hija l-pajjiż f' Malta li fih l-iżjed popolazzjoni. Qabel ma nqatgħu l-parroċċi minnha, kienet wisq ikbar milli hija llum, għax kellha territorju li kien jibda minn taħt l-Imdina sa nofs il-Ħamrun, minn tarf Ħal Qormi għal taħt in-Naxxar u Ħal Għargħur u jibqa sejjer sa l-Imsida u tas-Sliema sal-ponta ta' Dragut. Insibu wkoll li fl-1402, jiġifieri 500 sena ilu, Birkirkara kienet ġa parroċċa.

Billi Birkirkara għandha ferm x' toffri, u ħafna minn dawn narawhom bla ma nosservawhom sewwa, u nibqgħu għaddejjin, se nibda d-dawra tiegħi minn ħdejn is-salib, magħruf bħala " ta' Rajt ma Rajtx u Smajt ma Smajtx ". Dan is-Salib, li bħalu hawn ieħor l-Imrieħel, għandu leġġenda ħelwa marbuta miegħu. Fl-antik dan is-salib kellu xi tiżjin fil-kapitell. Dan is-salib ma baqax fl-istat oriġinali tiegħu għax ġie miksi bil-mużajk u wara sar ukoll il-mira tal-vandali. Dak ta' l-Imrieħel kien waqa' bil-maltemp u għalkemm is-salib tiegħu kien sar ġdid, il-kolonna u l-pedestall baqgħu dawk oriġinali. Bħal dan is-salib kien jeżisti ieħor fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Pawl li kienet teżisti qabel dik tal-lum.

Fl-inħawi tas-salib fi Triq San Giljan hemm iż-żona industrijali magħrufa bħala " ta' San Ġwann", li tħaddem numru kbir ta' nies. Ftit iżjed 'l isfel hemm l-Oratorju bil-kappella tiegħu, monument ħaj tal-ġenerożita` tan-Nutar Michele Luigi Casolani u tas-sinjura tiegħu Giulia. L-iżjed ħaġa li tolqtok f' din il-kappella, f' dak li hu xogħol artistiku, hija l-loġġa u l-ħadid ta' fuq il-bieb, li fil-fehma tiegħi huma kapolavur ta' xogħol fil-ħadid, iżjed magħruf bħala ferro battuto, li ta' l-istess preġju tiegħu hemm dawk ta' fuq il-bibien tal-knisja Parrokkjali, u li dawn saru meta ma kienx jeżisti welding. Iżjed ma tħares lejhom, iżjed tapprezza l-ħila tal-imgħallem li ħadimhom. Meta ninżlu 'l isfel lejn il-knisja Parrokkjali, niltaqgħu ma' diversi niċeċ, li jew minħabba x-xogħol artistiku tagħhom jew inkella l-antikita`, jisthoqqilhom li tagħti għal ħarsa waħda tnejn. Dwar is-suġġett tan-niċeċ aħna l-Karkariżi għandna għax tassew inħossuna kburin, bin-numru hekk kbir li hemm. Forsi artistikament mhumiex kollha ta' l-istess xeħta, iżda dak li għandhom nieqes fil-ġmiel artistiku tagħhom ikun żejjed fl-istorja. Uħud minn dawn in-niċeċ għandhom ukoll taħthom skrizzjoni, l-iżjed bil-Latin li tgħid li min jirreċita bil-qalb xi talba jirbaħ xi indulġenza. Fost l-isbaħ statwi u niċeċ li ssib, hemm diversi ta' Santa Liena, ta' San Ġużepp, tal-Madonna tal-Karmnu, tal-Madonna tar-Rużarju, ta' Santa Marija, ta' San Rokku eċċ... u dawn juri d-devozzjoni sinċiera li kellhom dawk ta' qabilna. Waħda mill-isbaħ niċeċ li għandna ġo Birkirkara hija dik ta' "l-Infetti", li ħadet l-isem tagħha miċ-ċimiterju li kien hemm warajha. Din hija iddedikata lill-Madonna ta' l-Erwieħ. Xi ftit taż-żmien ilu din in-niċċa kienet bdiet tinħatt biex forsi titpoġġa xi mkien ieħor iżda wara li saret protesta qawwija minn min għandu għal qalbu t-teżori f' Birkirkara, din reġgħet ġiet restawrata.

Ma nistgħux ma nagħtux daqqa t' għajn sewwa lejn dak it-torri li hemm fil-bidu ta' Triq Għar il-Ġobon, li bħalu hemm ieħor fil-Wejter. Dawn kienu nbnew bħala mezz ta' difiża. Din it-triq Għar il-Ġobon hija waħda mill-eqdem li għandna f' Birkirkara. Meta nitilgħu 'il fuq, fi Triq il-Vitorja hemm il-mitħna tar-riħ, waħda mit-tnejn li għad fadal sħaħ ġewwa Birkirkara. L-oħra hija dik ta' Triq in-Naxxar. Fl-antik kien hemm ukoll oħra fi Triq San Giljan. Dawn l-imtieħen kienu nbnew mill-Gran Mastru Vilhena u kienu jissejħu "l-Imtieħen tal-Maħlut". Dawn kellhom il-qlugħ u kienu jaħdmu bir-riħ u kienu jitħnu qamħ, xgħir u żrieragħ oħra. F' Birkirkara kien hawn ħafna raba u kienu

jiżirgħu l-qamħ u x-xgħir biex minnhom jagħmlu l-ħobża tal-maħlut, wara li l-qamħ u x-xgħir jgħaddi minn taħt idejn it-taħħan.

Meta ninżlu iżjed 'l isfel insibu l-knisja żgħira ta' Santu Rokku b' dik l-istatwa tant sabiħa li hemm fil-ġenb tagħha. Fil-fehma tiegħi, din l-istatwa kif ukoll dawk tal-kunċizzjoni li hemm fil-Pjazza Sant' Elena u ta' San Pawl li hemm ħdejn l-Għassa tal-Pulizija, maħduma fuq dik ta' Melkjorre Gafa', huma kapolavur ta' l-arti fil-ġebla maltija u middubita jekk dawk l-artisti, li ħadmuhom b' dik id-devozzjoni kollha setgħux jagħmlu xi ħaġa aħjar. Dawn l-istatwi huma fost l-isbaħ li hawn f' Malta u għandna tassew għax nitpaxxew bihom. Ftit 'l isfel mill-knisja ta' San Rokku nsibu l-Knisja Parrokkjali. Inkiteb wisq dwarha, iżda l-aktar ħaġa li tolqotni fit-tifħir tagħha hija dak li qalu dwarha l-pittur Virginio Monti meta stqarr li l-aqwa xogħol tiegħu jinsab f'Malta u Quentin Hughes, li huwa awtorita` ta' fama internazzjonali dwar l-arkitettura, li kiteb li l-Knisja parrokkjali tisboq fil-ġmiel tagħha kull knisja oħra f'Malta. Dwar il-kapolavuri ta' arti, b'mod partikolari l-istatwa majjestuża ta' Santa Liena, statwi oħrajn, xogħol fil-fidda, xogħol fil-ganutell u xogħol ieħor ta' preġju għoli, inkiteb ħafna. Mhux ta' min iħalli barra l-qanpiena l-kbira, l-akbar waħda f'Malta.

Hemm diversi knejjes zgħar ohra li kull waħda minnhom għandha l-ġmiel partikolari tagħħ. Il-knisja ta' San Pawl, dik ta' Sant'Antnin u dik tal-Vitorja ma jagħmlux għajb lill-knisja ż-żgħira ta' Santu Rokku, kemm fil-ġmiel kif ukoll fl-utilita` taghhom għas-servizz tal-fidili.

Billi mhux l-iskop tagħna li nidħlu ż-żejjed fid-dettalji dwar deskrizzjonijiet ta' knejjes, allura ngħidu xi ħaġa fuq fuq kemm jista jkun, biex niġbdu l-attenzjoni u għall-ebda skop ieħor. Deskrizzjonijiet fuq dawn il-knejjes ingħataw kemm il-darba.

Il-knisja ta' San Pawl tal-Wied kienet ġa teżisti fl-1575. Din kienet inħattet għax ma kienitx f'kundizzjoni tajba u flokha inbniet oħra bejn l-1852 u l-1854. Din il-knisja tinżamm fi stat tassew tajjeb u hija mgħammra b'kollox. Is-saqaf tagħha huwa troll u mpitter kollu b'episodji mill-ħajja taghha hemm arloġġ mekkaniku maħdum minn MikielAnġ Sapiano. Fuq din l-istess faċċata hemm statwa sabiħa ta' San Pawl li qabel kienet quddiem il-knisja l-antika fuq pedestall tal-ġebel.

Il-knisja tal-Vitorja, kif inhi llum, kienet bdiet tinbena fl-1724, u bħall-knisja ta' San Pawl u knejjes oħra żgħar ġewwa Birkirkara hija mgħammra b'kollox. Hemm ukoll statwa ħelwa ta' Marija Bambina.

Il-knisja magħrufa bħala ta' Sant'Antnin hija ddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova u Santa Katerina ta' Lixandra. Din ġiet mibnija fl-1828 u dik ta' qabilha kienet mibnija fl-1680, u jerġa' qabel din kien hemm oħra iżjed antika. F'din il-knisja jkun hemm l-adorazzjoni u l-quddies.

Il-knisja ta' San Rokku nbniet fi żmien il-Gran Mastru Verdala fi żmien il-pesta l-kbira tal-1592 u 1593. Fl-1863 din il-knisja ġiet imġedda u hija ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja, San Bastjan u San Rokku, protetturi tal-pesta. Hija wkoll mgħammra b'kollox u jsir il-quddies kuljum. F'din il-knisja hemm devozzjoni kbira lejn Santa Rita.

Waħda mill-isbaħ knejjes żgħar jekk mhix l-isbaħ f'Malta kollha, hija s-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba. Nafu li fl-1615 l-Isqof Cagliares mar jagħmel il-Viżta Pastorali f-Birkirkara u semma lil din il-knisja. Il-knisja kif narawha llum ġiet imakkbar f'forma ta' salib fl-1928. F'dan is-Santwarju hemm bosta oġġetti sbiħ u ta' valur enormi, fosthom bukkett maħdum mill-konkilji u ganutell li jingħad li ġie mogħti mill-Gran Mastru La Vallette. Is-saqaf tagħha huwa mżejjen bil-pittura tal-Professur Karkariż Ġużeppi Briffa. Meta tidħol f'dan is-santwarju timmeravilja ruħek bil-għadd kbir ta'kwadri "ex voto" li dawn stess jistgħu jiktbu l-istorja ta' dan is-Santwarju. L-arti tal-pittura f'dawn il-kwadri tvarja minn dik professjonali sa dik tad-dilettanti, iżda l-istejjer li jagħtu dwar mirakli maqlugħa bl-interċessjoni ta' Marija Santissma jridu volumi sħaħ biex tiktibhom. Hemm kwadri ta' żmien il-kavallieri li juru fil-biċċa l-kbira tagħhom ħelsien minn għarqa ċerta minħabba maltemp qawwi, fejqan minn mard u grazzji kbar oħra. Forsi xi darba għad jinkiteb xi ħaġa dwar dawn. Dan huma xhieda qawwija ta' devozzjon lejn Ommna Marija.

U la qegħdin nitkellmu fuq il-knejjes ma nistgħux inħallu barra dik il-knisja mibnijha fuq stil Ruman dedikata lil San Franġisk, f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Din il-knisja tilħaq il-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-Wejter u ta' dawk in-naħat. Meta fi żmien il-gwerra r-rifuġjati bdew ġejjin bi ħġarhom lejn Birkirkara, u ħafna sabu kenn f'dawk in-naħat, inħass il-bżonn li tinbena knisja. It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla sar fl-1953 u l-knisja ġiet konsagrata fl-1963. Mal-knisja hemm ukoll kunvent tal-patrijiet li jieħdu ħsiebha. L-ikatar ħaġa li tolqotlok għajnejk f'din il-knisja hija l-ħġieġ ikkulurit (stained glass), li juri episodji mill-ħajja ta' San Franġisk.

Billi Birkirkara kull ma tmur kienet dejjem tikber kemm fil-bini, kif ukoll fil-popolazzjoni, f'xi nħawi fejn ġew mibnija nħasset ukoll il-ħtieġa li tinbena knisja. U hekk ġara wkoll in-naħa tal-Bwieraq, fejn ġiet mibnija l-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem, li saret ukoll il-Knisja Parrokkjali. It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla sar fl-1968 u tlestiet għal kollox fi żmien tassew qasir. Inbena wkoll Ċentru Parrokkjali.

Il-knisja ta' San Alfons, li ġiet mibnija bil-ġenerożita` tas-Sur Alfons Marija Micallef, beda x-xogħol fuqha fl-1892 u ġiet imkabbra darbtejn, fl-1904 u 1909. Billi dawk l-inħawi beda jimtela bin-nies kif ukoll minħabba l-konkorrenza tagħhom, inħass li din il-knisja kienet saret żgħira wisq biex talaħħaq mal-ħtiġiejiet spiritwali tagħhom u għalhkk ingħata bidu għall-bini tas-Santwarju ta' Sant Tereża. L-aħħar quddiesa li saret f'din il-knisja kien fid-9 ta' Lulju 1982.

Is-Santwarju ta' Santa Tereża huwa meravilja ta' l-arkitettura moderna. Fil-fehma tiegħi, il-perit kellu f'moħħu l-kobor bl-inqas telf ta' spazju, u l-kumdita` tal-kongregazzjoni. Forsi f'għajnejn ta' xi wħud tidher xi daqsxejn stramba fid-disinn tagħha billi aħna mdorrijin bi stil barokk, iżda meta ssib ruħek hemm tassisti għal xi funzjoni taħsibha mod ieħor, għax l-artal jidher minn kullimkien u tkun tista' ssegwi mingħajr xejn ma jtellfek, biex ma nsemmux kumditajiet oħra. It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla kien fl-1965 u fl-1982 sar it-tberik u l-ftuħ ta' dan is-Santwarju.

Il-Ġiżwiti kien ilhom bix-xewqa li jerġgħu jiġu f'Malta u fl-1891 kienu diġa' waqqfu kulleġġ fin-Naxxar. Fl-1896 bnew kulleġġ kbir u sabiħ f'Birkirkara. Dan il-kulleġġ kien għalaq għal xi żmien u reġa' fetaħ fis-sena 1907, meta għalaq il-Kulleġġ San Injazju ġo San Ġiljan. Dan il-kulleġġ bl-isem ta' Kulleġġ San Alwiġi ta kontribut kbir fil-qasam edukattiv, u bosta professjonisti li għamlu isem studjaw hemmhekk.

Ma' dan il-kulleġġ hemm biċċa bini li ssaħħrek, knisja sabiħa ddedikata lill-Qalb ta' Ġesu. L-ewwel ġebla ġiet imqiegħda fl-1914; il-knisja ġiet imbierka fl-1915 u l-konsagrazzjoni tagħha saret mill-Isqof Dom Mawru Caruana fl-1923. Din il-knisja tilħaq il-ħtiġijiet spiritwali ta' dawk fl-inħawi ta' l-Imrieħel.

Id-dawra ma' Birkirkara żgur li ma tkunx komplita jekk aħna ma nżurux lill-knisja ta' Santa Marija, magħrufa bħala l-Knisja l-Qadima, li kienet il-knisja parrokkjali wara li l-Karkariżi niżlu mill-għolja tal-Għargħar fejn kien hemm il-parroċċa l-antika u bnew din il-knisja monumentali. Inkiteb wisq dwar din il-knisja u mhux l-iskop li nirrepeti dak li kiteb ħaddieħor. L-arkitett tagħha kein Vittorio Cassar, iben Girolamo u kompliha l-arkitett Tumas Dingli. Wieħed ma jistax iħalli barra d-deskrizzjoni ta' l-iskultura saħansitra f'kull ġebla li hemm, u b'mod partikulari l-faċċata majjestuża tagħha. L-iżjed ħaġa li tolqtok f'din il-faċċata hija l-arma tar-Re Filippu III ta' Spanja. Ma naħsibx li hawn knejjes oħra f'Malta li għandhom xi arma rjali skolpita fuq il-faċċata. Din l-arma hija monument rari ta' l-istorja politika ta' dawn il-gżejjer f'dawk iż-żmenijiet. Dan il-ġmiel iżjed beda jidher ċar meta din il-knisja bdiet tiġi restawrata. Il-kampnar ta' din il-knisja fih ġmiel partikulari u qabel kellu wkoll arloġġ li jdoqq qanpiena waħda. Meta kien sar it-tberik tal-knisja l-ġdida (dik li hi l-Knisja Parrokkjali preżenti) din il-knisja bdiet tiġi traskurata u xi affarijiet minnha bdew jinġarru għall-knisja parrokkjali l-ġdida b'mod li din il-knisja ġiet traskurata għall-aħħar u nistgħu ngħidu li kienet bdiet l-agunija tagħha. Fl-aħħar il-kundanna waslet mill-Isqof Labini f'Mejju 1787, għax kienu jistennew li jaqa' s -saqaf. L-Isqof ordna li l-bibien jiġu mbarrati bil-ġebel ħalli ħadd ma jkun jista jidħol fiha. Wara li s-saqaf iġġarraf, kien hemm ħafna għajdut dwar dan it-tiġrif. L-imgħallem Abram Schembri li mexxa l-bidu tar-restawr tagħha huwa tal-fehma li l-ġebel tas-saqaf tagħha kien irqieq wisq biex jiflaħ dak il-piż kollu tas-saqaf, u minħabba l-fatt li kienet ġiet traskurata, u naturalment ma kienet saret ebda manutenzjoni fuqha, s-saqaf ċeda. Għall-grazzja t'Alla bit-tħabbrik tal-Kapitlu Elenjan u ta' diversi nies u għaqdiet, ir-restawr ta' din il-ġawhra ta' l-arkitettura baqa' għaddej u huwa ttamat li xi darba fil-ġejjieni qrib, inkunu nistgħu ingawdu din il-knisja fil-istat kif kienet oriġinarjament.

Birkirkara, bħal kull pajjiż ieħor, għandha wkoll biex tiftaħar bi djar sbiħ li jagħmlu ġieħ lill-arkitettura Maltija. Dawn id-djar kbar u sbiħ huma pjuttost fi kwantita`, u jekk wieħed jgħarrex sewwa tista tgħid li f'kull triq għandu jsib xi waħda minnhom fil-Pjazza tal-Knisja Parrokkjali hemm xi djar li jgħaxxquk bil-ġmiel tagħhom. L-istess ħaġa tista tgħid b'mod partikulari għall-Palazz ta' Santa Liena fin-naħa ta' Ħas Sajjied u xi djar oħra 'l isfel minnu fl-istess xaqliba. Interessanti ferm hija dik id-dar fi Triq San Ġiljan li għex ukoll fiha l-Venerabbli Nazju Falzon u xejn inqas minnha hija dik id-dar kbira fi Triq San Rokku, li jingħad li kienet propjeta` ta' Vinċenzo Borġ "Brared", u li fiha ġie jżuru Napuljun. Xejn inqas sbieħ huma ż-żewġ palazzi li huma l-Każini taż-żewġ Baned prinċipali ta' Birkirkara. Dik tal-Banda Sant' Elena minbarra l-kobor u l-kumditajiet kollha li fiha, hija toffri post xieraq għall-membri tas-Soċjeta kif ukoll fejn isiru l-kunċerti tal-banda. L-istess ħaġa l-Każin tal-Banda Duke of Connaught', li joffri l-istess kumditajiet. Dawn iż-żewġ palazzi jkomplu jżidu fil-ġmiel tagħhom bit-tiżjin sfiq li jsir fil-festa tal-patruna. Minħabba l-kobor u l-kumditajiet tagħhom, dawn iż-żewġ palazzi servew ta' għajnuna kbira lill-Gvern fi żmien il-Gwerra, għax dak tal-Banda Sant' Elena, serva bħala akkomodazzjoni għar-refuġjati u dak

tad-Duke of Connaught biex jilqa' dipartiment tal-Gvern, kif fil-fatt serva bini ieħor f'Birkirkara, f'dak iż-żmien imwiegħer. Irridu nsemmu wkoll li xi djar oħra servew bħala post tat-tagħlim, meta l-iskola tal-Gvern li hemm fi Triq Brared serviet ta' sptar, kif serviet ukoll ta' sptar is-sala tal-Kulleġġ San Alwiġi. Minbarra vilel fil-partijiet kollha ta' Birkirkara l-ġdida, li għandhom ukoll il-ġmiel tagħhom.

Ma nixtieqx li nħalli barra nies Karkariżi kif ukoll oħrajn li għalkemm ma kienux Karkariżi, ħallew isimhom miktub fl-istorja ta' Birkirkara. Insemmu lis-Surmastrijiet Ferdinandu Camilleri, Tumas Galea, surmast direttur tal-Banda "Alleanza", li kien kiteb l-Innu lil Sant' Elena fuq versi tal-Kanonku Dun Ġwann Buġeja, Vinċenzo Costa, Ġużeppi Busuttil, il-Maġġur Anthony Aquilina, is-Surmast Organista Carmelo Costa li kien jagħmel il-mirakli bl-orgni tal-Knisja Parrokkjali, lis-Surmastrijiet Anġelo Pulliċino, Filippo Ciappara, Carmelo Brincat, Anthony Sammut u surmastrijiet oħra Karkariżi mimlijin bl-għomor, xejn inqas bravi minnhom; is-Saċerdoti Dun Filippu Borġ, u Dun Perin Borġ u bosta u bosta saċerdoti oħra li kieku kellna nsemmuhom konna nimlew volum sħiħ, il-Kavallier Vinċenzo Borġ 'Brared', il-Professur Ġużeppi Briffa il-pittur, Indri Calleja li kien kaptan tal-Battaljun ta' Birkirkara, li bil-qlubija tiegħu salba l-ħajjiet ta' diversi suldati Karkariżi, l-aħwa Giovanni u Roberto Cannataċi, arġentiera ta' fama straordinarja, il-Prokuratur Legali Costantino Fenech, magħruf bħala 'is-Sur Zanz', li kien is-suċċessur tas-surmast Tumas Galea u President tal-Banda "Alleanza", li fi żmienu dan l-isem kien inbidel għal dak ta' "Filarmonica Sant' Elena", Dr. Joe Fenech Adami, li dam President tal-Banda Sant' Elena għal 34 sena, Wiġi Cappara, magħruf bħala Wiġi Prisu, li ħadem fuq li ħadem biex jara s-Soċjeta` Filarmonica Sant' Elena ġejja 'l quddiem, Ġanni Grech Duca, GioMaria Grima u Nazju Sammut li kienu l-fundaturi tal-Banda Sant' Elena, Sir Anthony Mamo, l-ewwel President ta' Malta Repubblika, Dun Gejtanu Mannarino li għalkemm ma kienx Karkariż jinsab midfun fil-Knisja l-Qadima, u li miegħu fil-konġura kellu lill-qassisin Karkariżi Dun Xand Farrugia u Dun Ġużepp Gatt kif ukoll lill-kjeriku Tumas Sciortino; lil Filippu Sammut magħruf bħala Lippu l-Lupu, li wera lil Malta kollha kemm kien kapaċi fil-mestier tiegħu, meta ndaħal hu biex itella' l-qanpiena l-kbira fuq il-kampnar, Dun Ġużepp Żammit Brighella, latinista magħruf ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, li miet u jinsab midfun Birkirkara u nistgħu nkomplu sejrin. Persunaġġ ieħor li jistħoqqlu l-ogħla ġie, għalkemm ma kienx Karkariż, iżda midfun Birkirkara, kien Salvu Psaila, l-imgħallem skultur li għamel l-istatwa żewġ majestuża ta' Santa Liena. Ma' dawn inżid insemmi wkoll żewġt isqfijiet Karkariżi Mons Adeodato (Francis) Micallef u Mons Vicente Costa, iben is-Surmast Organista Carmelo Costa. Kien hemm ukoll uħud li għamlu isem fil-qasam edukattiv jew litterarju u nsemmu lis-surmast ta' l-iskola Anthony Valletta u lil Ġuże Dimech Debono, li kiteb il-versi ta' l-innijiet lil Santa Liena li Ġużeppi Busuttil kiteb il-mużika tagħhom, kif ukoll persunaġġi oħra magħrufa f'dawn l-oqsma li għadhom ħajjin. Ma jfissirx li billi ħallejna ruxxmata ismijiet barra, dawn ma ħaqqhomx li jiġu mogħtija l-ġieħ. Nies tas-sengħa mustaċċuni kien hemm u għad hemm bil-bosta ġo Birkirkara. Ma nistax inħalli barra l-ismijiet ta' dawk is-saċerdoti Karkariżi li niftakar jien li kienu xempju ħaj tar-reliġjużi u li taw ħinhom u saħħithom lill-parroċċa bħal Dun Manwel Grech, il-Prepostu Vella, il-prepostu Bonniċi, il-Prepostu Sciberras Psaila, Dun Alfons Borġ, l-aħwa Dun Ġużeppi u Dun Ġwann Micallef, Dun Kustanz Muscat, Dun Ġwann Aquilina, Dun Karm Bezzina, Dun Ġakbu Micallef, Dun Manwel Grech, Dun Ġużepp Zahra, Dun Vincenz Ciappara, Dun Vinċenz Buhaġiar, Dun Karm Pirotta, Dun Vinċenz Saliba u oħrajn li fosri bħal issa ma niftakarx min kienu, barra oħrajn li kont nismagħhom isemmu bħal Dun Piet u Dun Ġużepp Charbon, Dun Lawrenz Sammut, Dun Guliermu Grech Ellul u oħrajn li baqgħu imfakkrin jew b'xi ritratt tagħhom fis-sagristija jew bl-arma ta' kunjomhom fis-sala kapitulari. Nies ta' karattru ohra li baqgħu imfakkra minn bosta, kienu dawk il-katekisti li b'sagrifiċju kbir kienu jgħallmu d-duttrina gewwa l-Oaratorju jew xi mkien ieħor, kif ukoll is-soċi tal-Mużew irġiel u nisa, li taw edukazzjoni spiritwali soda lit-tfal Karkariżi. Dawk il-membri ta' l-Azzjoni Kattolika u Għaqdiet oħra f'Birkirkara għandhom ukoll jibqgħu mfakkrin. Birkirkara tħossha ferm debitriċi lejn dawn in-nies li b'ħidmiethom, sew reliġjuż sew profana għollew l-isem ta' Birkirkara sew spiritwalment sew materjalment. Nibqgħu niftakru fihom lil dawn in-nies għax bid-dedikazzjoni u bix-xogħol bla heda tagħhom huma sawwru wkoll il-karattru tiegħi u tiegħek.

Inkunu kburin li aħna Karkariżi ulied denji ta' Santa Liena, u nippruvaw nagħrfu dak kollu li jkabbar l-isem u l-ġieħ ta' l-għażiża Birkirkara tagħna, ħalli dawn is-sentimenti għolja ngħadduhom lil dawk ta' warajna.

Niżżi ħajr bil-qalb lill-ħabib tiegħi Joe Zammit, li bħali għandu wisq għal qalbu l-istorja ta' Birkirkara, li bit-tagħrif li tani stajt nikteb dan kollu.